MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tal-11 ta' Mejju, 2011

Numru. 141/2004

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR EDEL MARIE CAMILLERI**

**KONTRA**

**RAIMOND PSAILA ta’ 50 sena, iben Francis u Mary nee’ Chetcuti, imwieled Tarxien nhar it-12.03.1961, residenti fil-fond 69, Flat 2, Giuliana Flats, Triq Sant’Anglu, Birzebbuga, detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 198861M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet kontra ‘l hawn fuq imsemmi **RAIMONDO PSAILA** li gie akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer, nhar is-17 ta’ Jannar, 2002 u fix-xhur u s-snin ta’ wara, b’atti diversi maghmulin fi zminijiet differenti, u li jiksru l-

istess disposizzjonijiet tal-Ligi, u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda

Bil-hsieb li jaghmel hsara lil xi persuna, u cioe' lil Doris Micallef mill-Kalkara, detentrici tal-karta ta' l-identita' 392439M, akkuzaha quddiem awtorita' kompetenti b'reat, fil-waqt illi kien jaf li din il-persuna hija nnocenti, dan bi ksur tal-Artikolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli nhar is-26 ta' Frar, 2002, halef falz quddiem Imhallef, Magistrat jew quddiem ufficjal iehor, li jkollu s-setgha b'Ligi li jaghti guramenti, dan bi ksur tal-Artikolu 108(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli ddenunzja lil Doris Micallef mill-Kalkara, detentrici tal-karta ta' l-identita' 392439M, lill-pulizija ezekuttiva reat li jaf li ma sarx, inkella bil-qerq holoq it-tracci ta' reat  b'mod li jistghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar, dan bi ksur tal-Artikolu 110(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Din il-kawza hija wahda li giet instigata minn affidavit li ghamel l-akkuzat fil-konfront tal-kunjata tieghu, certu Doris Micallef, u dan prezumibbilment dwar informazzjoni falza li hija tat lil Housing Authority biex takkwista proprjeta' minghand il-Gvern.

Wara nvestigazzjoni fuq l-agir ta' l-imputat kif xehed l-istess Ufficjal Prosekutur, fuq il-parir ta' l-Avukat General, l-imputat gie mressaq bl-akkuzi proferiti.

Kif jirrizulta mix-xhieda ampja ta' certa Lorna Cachia, impjegata tal-Housing Authority, il-parte leza u zewgha fil-fatt kienu applikaw darbtejn biex jottjenu proprjeta' mill-Awtorita', pero fis-sena 1992 it-talba taghhom giet michuda.

Spjegat din Cachia li l-applikant kellu jsegwi certi rekwiziti li jigu ppubblikati fil-Gazzetta tal-Gvern. Senjalament minn tali rekwiziti wiehed ghandu jsemmi li l-applikanti ma kellhomx proprjeta' qabel it-30 ta' Settembru, 1992.

Huwa fuq dan il-punt li l-imputat fil-fatt avvanza l-lanjanza tieghu fil-konfront ta' Doris Micallef. Lorna Cachia pero xehdet illi Micallef kwalifikat, meqjusa l-kundizzjonijiet kollha biex tiehu post minn taht din l-iskema. Tant anke li xehdet illi mir-ricerki li saru mill-Awtorita', Micallef ma kellha ebda proprjeta'.

Minn naha ta' Paul Sciberras, Deputy General Manager Finance ghall-Housing Authority, dan xehed illi l-Awtorita' mxiet ma' Micallef kif kellha timxi (folio 25).

Doris Micallef, cioe' l-parte leza, minn naha taghha xehdet li hi meta tefghet l-applikazzjoni mal-Housing, ghalkemm kellha post, dan kien gie dikjarat bhala sub-standard. Mistoqsija jekk meta appikat kellhiex proprjeta', wiegbet illi ma kellhiex proprjeta' li setghet tabita fiha. Ziedet pero li bhala proprjeta' dak iz-zmien kellha post illi hallewlha ommha u missierha, dan kien 12, Rinella Street, issa 112 u 113. Spjegat illi hi qabel ma applikat kienet toqghod gewwa 5, Rinella Street, li pero ma kienx proprjeta' taghha – dan kien gie dikjarat sub-standard minn perit tal-Housing. Spjegat ukoll illi hi qatt ma setghet tghix gol-proprjeta' taghha msemmija 112, 113, Rinella Street, ghaliex din kienet imwieghdha lil bintha minn ommha, stante li ommha gia' kienet tat b'donazzjoni l-fond numru 10 lil bintha l-ohra. Ziedet ukoll Micallef illi bhala proprjeta' mmobbli taghha, hi kellha wkoll in-numru 15 li kien jintuza bhala hanut. Xehdet ukoll illi anke kienu xtraw hi u zewgha hanut iehor, dan kellu n-numru 13. Ghalhekk fil-fehma taghha, meta ghamlet l-applikazzjoni, il-fond 12 kien moghti lit-tifla, mentri l-ohrajn kienu hwienet.

In kontro ezami xehdet li fil-fond numru 10 u 12 kienu joqoghdu wliedha, mentri hi kienet toqghod fin-numru 5 (mikri), proprjeta' dikjarata sub-standard. Ammettiet li verament kienet xtrat il-kamra numru 13 li kien hanut. Xehdet ukoll illi l-fond bin-numru 12-13, Rinella Street, kienu ta' ommha u kienet wirtithom minghandha meta mietet fis-sena 1989.

Giet anke ezebita l-istqarrija rilaxxata mill-imputat ezebita a folio 86 – 90, Dok RP. Spjega li hu b'digriet tal-Qorti spicca mkecci mid-dar matrimonjali bin-numru 12, Rinella Street, Kalkara. Ikkonferma li baghat ittra lid-Dipartiment dwar allegazzjonijiet li kien ghamel ma' l-Awtorita', ikkonferma anke l-firma fuq l-affidavit. Gie mistoqsi jekk kienx ivverifika mal-Housing il-kundizzjonijiet mehtiega biex wiehed jista' japplika ghal xiri ta' post tal-Gvern. Qal illi staqsa lill-Housing u qalulu li l-kundizzjonijiet kienu fuq ammont ta' qliegh li wiehed ma jistaqx jaqbez, fuq negozju u ma riedx ikollu bini fuq ismu. Qal illi dan ivverifikah qabel l-1 ta' Lulju, 2002. Irritjena li l-istess kundizzjonijiet kellhom japplikaw ghall-applikazzjoni tas-sena 1996, stante li Micallef applikat anke f'din is-sena. Stqarr illi kineu jaf bic-cert illi biex tiehu xi ghajnuna, ma' riedx ikollok business u djar fuq ismek.

Tkellem fl-istqarrija dwar il-wirt tal-kunjata tieghu Doris Micallef, minghand il-genituri taghha, cioe' l-postijiet bin-numri 12, 46, u 11, anke dwar il-fond numru 15, li kien inxtara. Mistoqsi jekk kienx jaf illi whada mill-kundizzjonijiet kienet li l-applikant ma riedx ikollu jew ikun akkwista xi proprjeta' mit-30 ta' Settembru, 1992 sad-data tal-applikazzjoni – dan sabiex l-applikant ikun eligibbli ghal xiri ta' appartament.

Mistoqsi jekk kienx jaf li l-Aworita' ghamlet il-verifiki taghha qabel ma allokat il-fond lil Micallef, wiegeb illi lilu l-Awtorita' mhux hekk kienu qalulu. Zied illi hu kull ma kien qed jitlob kienet gustizzja u mhux vendikazzjoni, dan wara li spicca mkecci mid-dar u li wehel ukoll multa tat-taxxi fuq id-dikjarazzjoni falza maghmula mill-mara tieghu biex taghtu lil ommha.

L-imputat anke ghazel illi jixhed viva voce – bazikament hawn irritjena dak li qal fl-istqarrija u ezebixxa pataflun dokumenti in sostenn ta' l-istess. Xehed dwar il-fatt illi l-kunjata tieghu anke dawret kollox fuq martu bhala negozju biex tkun tista' tiehu l-pensjoni – konsegwenza ta' hekk wehel taxxa zejda (Dok RP").

Xehed fit-tul dwar il-proprjetajiet li wirtet Doris Micallef, semma l-proprjetajiet 112 u 113 li kienet dar wahda, 11, 12, u 13 li kienu hwienet. Xehed ukoll dwar il-fatt illi l-kunjata, ghalhekk Doris Micallef, kienet telqet mid-dar numru 5 u marret tghix mieghu u ma' martu, cioe' fil-fond numru 12. Xehed dwar il-fatt illi l-fond numru 10 tatu b'donazzjoni lil bintha l-ohra, kif ukoll illi numru 5 li kien gie dikjarat sub-standard, kienet tatu lil ohtha s-soru li baqghet hemm sas-sena 1992, dan sakemm xtrat post Hal-Kirkop. Qal ukoll dwar l-allegazzjonijiet minnu vantati li kien Dr Zammit (Housing) li kien talbu l-provi u talbu jaghmel affidavit. Xehed ukoll illi hu anke pprezenta l-affidavit il-Hosing biex ikun jista' jiehu post fejn joqghod.

Xehed dwar l-agir ta' Doris Micallef, cioe' li ghamlet dikjarazzjonijiet foloz biex tiehu post tal-Housing, uzat il-fond numru 5 biex tiggwadanja punti, anke qal illi ma kienx vera kif iddikkjarat Micallef li kienet toqghod fil-fond 5 u mhux fit-12 – dan meta Micallef marret tghix mieghu u ma' martu. Anke ghamel referenza ghall-Gazzetta tal-Gvern tas-6 ta' Settembru, 1996, Advert 37, dwar ir-rekwiziti ta' l-applikant, senjalament li ma jridx ikollu proprjeta' mobbli jew immobbli, diviza jew indiviza, b'titolu assolut jew enfitewsi perpetwa. Qal illi sar jaf b'dak li nfurmatu l-Ispettur Edel Marie Camilleri, cioe' bid-data tat-30 ta' Settembru, 1992 dakinhar ta' l-istqarrija.

Ikkunsidrat:

Illi bla dubbju ta' xejn l-imputat instiga diversi nvestigazzjonijiet, anke mistoqsijiet parlamentari kif jirrizulta mill-atti processwali. Jidher li hu mexa fuq parir lilu moghti minn Dr Raymond Zammit, konsulent legali ta' l-Awtorita'. Ma hemmx dubbju li Raimondo Psaila kien ferm urtat bl-agir tal-kunjata tieghu Micallef, u sahansitra mputa lilha responsabbli talli spicca b'digriet tal-Qorti mkecci mid-dar matrimonjali u anke tal-multi li wehel mat-Taxxa. Anke jekk fl-istqarrija jghid illi hu ma kienx qed ifittex vendikazzjonijiet, certament xi forma ta' hsieb ta' tpattija f'mohhu kellu. Pero l-analizi tar-reati lilu addebitati jwasslu lill-Qorti ghal dawn il-konkluzjonijiet – illi mill-provi prodotti u d-direzzjonijiet li rcieva l-imputat, jirrizulta b'mod

car illi Raimondo Psaila emmen dak li hu rrapporta, b'dan li certament ma emminx jew kien jaf li Micallef kienet innocenti (Artikoli 101 Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta), konsegwentement hekk emmen dak li allega, qatt ma seta' halef falz (Artikolu 108 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta). Lanqas ma gew pruvati r-rekwiziti taht l-Artikolu 110(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, stante li hu emmen li xi reat sar, lanqas ma holoq tracci ta' reati.

Konsegwentement, tenut kont dak premess, il-Qorti qieghda tilliberah mill-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------